MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 358/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**Versus**

**Sandra Lee Camenzuli**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet [1]dedotti kontra Sandra Lee Camenzuli ta' 22 sena bint Anthony u May nee Caruana mwielda fl-Awstralja fis-16 ta' Nocvembru 1968 u toqgħod 'Adonai' Clere Engle Street St.Julian's Ta' Ġiorni ID 107887(M)

[1] Ara verbal tal-14 ta' Diċembru 2004 a fol 19 fejn kienu ppreżentati l-imputazzjonijiet kif emendati. (Ara wkoll fol 19a)

(a) Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fid-16 ta' Settembru 2000 u fil-ġranet ta' qabel din id-data kellha fil-pussess tagħha d-droga **kokaina u /jew eroina** speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħhu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tal-1939 dwar il-kontoll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' **Malta f'ċirkostanzi tali li juru li dawn id-drogi ma kinux għall-użu esklussiv tagħha.**

b) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali tal-1985 kif sussegwentement emendati u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

ċ) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha r-raża cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1078 tal-1987 kif ukoll il-fedina penali tal-imputata (fol3), l-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tat-22 t'April

2004 u tas-27 t'April 2004, il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud bħala analista (fol 7), ir-rapport tal-istess analista (fol 27), u l-istqarrija tal-imputata (fol 15).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

6. Fl-istqarrija tagħha, magħmula fis-17 ta' Setmebru 2000, l-imputata ma wieġbet xejn.

7. Il-Prosekutur xehed li fis-16 t'Ottubru 2000 kienet saret tfittxija fil-fond Mona Lisa Mansions Flat 1 Triq Ġużeppi Cali, Ta' Xbiex. Kien hemm l-imputata ma' persuna oħra llum mejta. F'bitħa interna nstab ġugarell li fih kien erba' qratas suspettati mimlija bil-kokaina. Instabu wkoll żewġ joints. Instabu wkoll 112-il pillola ta' ditti differenti.

8. PS 1355 stazzjonat id-drug squad xehed kif kienu daħlu fil-fond imsemmi fil-paragrafu preċedenti u fil-kċina sabu xi sigaretti suspettati joints, xi pilloli u xi boroż suspettati li kienu fihom traċċi tal-kokaina. Kienu qabżu fil-bitħa ta' wara fejn sabu boroż li kienu jaqblu ma' dak li kienu sabu fil-kċina.

9. PC 1099 ikkonferma dan u qal li minn ma' ġenb il-flat PC 1355 kien ġabar 4 kantunieri bi tab abjad suspettat kokaina u bħalhom kien hemm kantuniera vojta fil-kċina.

10. Xehdet ukoll il-Maġġur Marisa Bartolo li qalet li meta saret it-tfittxija kien hemm fil-fond kemm l-imputata kif ukoll persuna oħra li kien ċertu Christopher Lapira. Dan kien viċin t-tieqa u rawh jipprova jagħlaqha. Kien hemm bitħa intgrna u niżlu fiha u ġabu ġugarell li kellu erba' boroż żgħar li kellhom it-trab abjad. Sabu aktar pilloli u ġugarell li kien simili għġal dak li nstab fil-bitħa. Dak in-nhar kienu arrestati tnejn min-nies. Kienet l-imputata biss li kkumpanjat lill-Pulizija waqt it-tfittxija.

11. Xehed ukoll PS 1021 li kkonferma kif kienet saret it-tfittxija billi ta dettalji simili li jidhru fil-paragrafi preċedenti. Huwa kien mistoqsi jekk il-bitħa interna kintix komuni ma' appartamenti oħra iżda ma kienx jaf jagħti tweġiba..

12. Xehed l-analista Mario Mifsud li qal li kienu nstabu traċċi ta' THC kif ukoll erba' qratas ta' piżijiet differenti bejn iz-0.114 u z-0.130 grammi li kien fihom il-kokaina b'purita' ta' 48%.

13. Kien hemm ukoll pillola ċelesti li hi Halcion u taqa' taħt it-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31.

14. Fiż-żewġ speċi ta' sigaretti tal-brim kien hemm it-THC.

15. Kien hemm ukoll 43 tranquillisers li huma wkoll ikkontrollati taħt it-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31.

16. Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiża fejn kienu riprodotti l-imputazzjonijiet kif mogħtija fis-sentenza ts-27 ta' Novembru 2007 minn din il-Qorti kif preseduta kontra l-imputata.

17. Essenzjalment dawn kienu:

*'li l-imputata kienet forniet d-droga eroina fid-19 ta' Jannar 2001 u matul l-aħħar sitt xhur;*

*Li fl-istess perjodu kellha pussess sempliċi ta' eroina.'*

18. Id-difiża qed tissottometti li dan huwa każ ta' 'ne bis in idem' għaliex is-16 ta' Settembru 2000 jaqa' fil-perjodu ta' sitt xhur indikat fil-frażi 'Fid-19 ta' Jannar 2001 u matul dawn l-aħħar sitt xhur'. Filfatt kieku l-perjodu jasal sa Lulju 2000.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. Il-Qorti l-ewwel ser teżamina l-fatti li rriżultaw mit-tfittxija.

20. Jidher li kien hemm żewġ persuni fl-appartament – l-imputata u persuna li llum hija mejta. Jirriżulta wkoll li nstab il-ġugarell bil-kokaina fil-bitħa interna. Min-naħa l-oħra l-joints u l-pilloli l-oħra nstabu ġewwa.

Il-Pilloli

21. Mill-eżami forensiku jirriżulta li 16-il pillola mhux ikkontrollati mil-Liġi waqt li 44 (43 +1 (e) +(f)) jaqgħu taħt it-Tielet parti Skeda B tal-Kap 31.

12-il pillola u nofs oħra (narcotic analgesic) jaqgħu taħt it-Tieni Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Kap 101.

22. Il-kokaina nstabet ġewwa bitħa interna f'ġugarell. Il-Boroż kienu simili għal dawk li nstabu ġewwa. (Ara fol 21) **Instabu wkoll ġugarelli li kienu identiċi ma' dawk li nstabu fil-bitħa.**

23. L-ewwel problema li għandha l-Qorti quddiemha hija li tistabilixxi min kellu l-kontroll fuq l-esibiti. Skond ma staqsiet il-Prosekuzzjoni stess fl-istqarrija tal-imputata, jidher li kien hemm aktar minn persuna waħda tgħix fil-flat (ara fol.16) bi tnejn minnhom ma kinux ilhom joqogħdu hemm aktar minn xahar u x ħaddminnhom kien saħansitra jħallas nofs il-kera.

24. Għalhekk il-Qorti trid tiżen jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx li l-pussess tal-pilloli, tal-cannabis u tal-kokaina kienx tal-imputata 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Ai fin ital-Liġijiet tad-drogi, l-pussess m'hemmx bżonn li jkun ifisser li wieħed huwa sid. Biżżejjed li l-affarijiet ikun f'idejh jew taħt il-kontroll tiegħu.

25. Huwa minnu li l-imputata kienet preżenti fil-flat meta saret it-tfittxija. Huwa minnu wkoll li l-Qorti qed tqis bħala ppruvat li dak li l-ġugarell li kien hemm fil-bitħa interna kien simili (ara fol 13 u dok 05 AAH 02 u 05 AAH 03) għal dak li nstab ġewwa l-flat fejn kien hemm l-imputata. Iżda fl-assenza ta' indizji oħra, ġaladarba kien hemm tal-inqas

persuna oħra fil-flat (li llum hija mejta) il-Qorti ma tistax taqbad u torbot kull ma nstab fil-flat jew fil-bitħa mal-imputata.

26. L-imputata eżerċitat id-dritt li ma tweġibx matul l-istqarrija tagħha. Xi forma ta' ammissjoni oħra, xhieda ta' persuni oħra jew provi forensiċi ma kienx hemm li b'xi mod jorbtu lill-imputata **biss** mal-esibiti 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni. **Is-suspett qawwi mhux ekwivalenti għall-prova.**

**Is-sottomissjoni tad-difiża dwar in-ne bis in idem.**

27. Dwar dak li ssottomettiet id-difiża, il-Qorti tinnota li ma hemm ebda referenza għall-fatti. Hemm overlap taż-żmien iżda x'kienu l-fatti li kienu l-bażi tas-sentenza li ngħatat fis-27 ta' Novembru 2007 ma ntqalx.

28. Effettivament, fl-imputazzjonijiet imsemmija mid-difiża m'hemmx referenza għall-kokaina (għaliex iż-żewġ imputazzjonijiet huma limitati għall-eroina) u m'hemmx refenza għall-kannabis.

29. Iżda l-aktar importanti huwa n-nuqqas taċ-ċirkostanzi li kienu l-bażi tas-sentenza ta' qabel. Għaliex ma jkunx hemm każ ta' 'ne bis in idem' jekk fl-istess perjodu wieħed ikun akkużat li waqt li kien fil-post X kellu pussess tat-tali droga. Wara jitressaq akkużat li fil-post Y (fl-istess żmien) huwa kellu pussess tat-tali droga (li tista' tkun sustanza bħal dik ta' qabel). Fl-eżempju mogħti hemm l-istess żmien iżda mhux l-istess fatti. Għalhekk il-prinċipju msemmi ma jiskattax.

30. Id-difiża riedet iġġib prova ċara, fuq bilanċ ta' probabilita', li l-fatti odjerni kienu l-istess fatti tas-sentenza preċedenti. Dan id-difiża naqset li tagħmlu għaliex ikkonċentrat biss fuq l-imputazzjonijiet u ż-żmien u ma qalet xejn dawr il-fatti. Il-prova tinkombi fuq min jallega. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjoni tal-imputata dwar in-ne bis in idem.

**Konklużjoni**

**30. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni.**

**31. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 ġaladarba ma nstabitx ħtija.**

**32. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------